## 22 ta' Mejju, 1958

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

**Francis Aquilina**

*versus*

**Richard Vincenti Kind ne.**

**Bejgħ "a prova" — Danni.**

*Fil-vendita "a prova", meta din ma tirnexxix, il-venditur jirriprendi l-ħaġa mibjugħa, u jibqa' liberu u xjolt minn kwalunkwe responsabbiltà; l-obligu tiegħu hu biss dak li jieħu lura l-ħaġa. a differenza tal-każ ta' riżoluzzjoni ta' vendita minħabba inidoneità tal-ħaġa, jew nuqqas tal-kwalitajiet pattwiti, li bħala regola timponi lill-vend'tur l-obligu tar-riżarċiment. Salva, s'intendi, l-ipotesi meta l-ħaġa, minħabba l-imperfezzjoni tagħha, tikkaġuna xi danni lill-kumpratur; għax allura l-vend'tur kien f'kolpa, għaliex kien jaf jew imissu kien jaf illi l-ħaġa kienet imperfetta.*

*Għaldaqstant, l-azzjoni tal-kumpratur fil-vendita 'a prova" mhix sostenibbli, in kwantu hija diretta biex il-vend'tur jirriżarċixxi d-danni lill-kumpratur, ladarba l-venditur ikun ħa lura l-ħaġa mibjugħa taħt prova.*

Il-Qorti;— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut ftiehem miegħu li jbiegħlu makna tal-marka "Mercedes Benz" kapaċi li tmexxi "small bus" bi tmientax il-persuna; u li meta l-konvenut issupplixxa din il-makna, u huwa poġġiha fil-"bus", instab li l-makna ma kienetx adattata għall-"bus" imsemmi, billi ma kellhiex forza biżżejjed, u l-konvenut aċċetta li jieħu lura l-makna, kif effettivament għamel; u illi huwa nkorra fi spejjeż sabiex waħħlulu l-makna fil-"bus" imsemmi, u sofra danni oħra għat-telf ta' xogħol sakemm damet qegħdha l-"bus" imsemmija, minħabba li l-makna supplita ma kienetx adattata għall-iskop miftiehem; talab li l-konvenut, għar-raġunijiet fuq imsemmija, (1) jiġi dikjarat responsabbli għad-danni li huwa (l-attur) sofra; (2) u jiġi kundannat iħallas lilu l-ammont li jiġi likwidat, okkorrendo per mezz ta' periti, għad-danni li huwa sofra, kemm bħala spej-

jeż *inkorsi minnu għall-montaġġ u smontaġġ tal-makna*, u kemm bħala telf ta' profitti minħabba telf tax-xogħol. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-13 ta' Diċembru 1952;

*Omissis;*

**Tikkunsidra;**

**Illi, kieku l-fatti li ppreċedew u taw lok għall-kawża kienu preċiżament u unikament dawk rakkontati fil-parti espożittiva taċ-ċitazzjoni, it-talbiet attriċi kienu jistgħu jiġu sostnuti; iżda fit-trattazzjoni tal-kawża rriżulta illi l-attur xtara l-makna bi prova; u din iċ-ċirkustanza ġġib li, jekk ir-riżultat tal-prova konformi għall-kwalifikazzjonijiet promessi mill-venditur — prova dipendenti mhux mill-ġudizzju individwali u subbjettiv tal-kumpratur, għaliex għandha karattru obbjettiv — ma jirnexxix, il-vendita ma tkunx saret, għaliex ma tkunx ġiet kompjuta l-kondizzjoni;**

*Illi*, difatti, l-attur xehed *li*, meta huwa ffirma l-kuntratt relattiv għall-vendita tal-makna fuq riferita, sar ftehim fis-sens li huwa kellu jħallas il-prezz tagħha kwante volte jirriżulta li l-istess makna tkun kapaċi tiġbed il-"bus" tiegħu msemmi fl-att taċ-ċitazzjoni. Din il-kondizzjoni ma tiffigurax fil-kuntratt *miktub*; u huwa *risaput illi*, meta l-ftehim jiġi magħmul riżultanti mill-kitba, kull ħaġa mifthema qabel jew fil-waqt li tkun qegħdha ssir il-kitba għandha tirriżulta mill-istess kitba, u għalhekk, in linea di massima, mhix permessa l-prova testimonjali kontra dik il-kitba, jew in aġġunta għaliha, għaliex għandu jiġi preżunt illi l-ħwejjeġ mifthema qabel jew f'dak il-ħin, li ma daħlux fil-kitba, ġew rinunzjati. Però, fil-każ preżenti, il-konvenut xehed li, għalkemm mhux veru li kienet ġiet mifthema l-imsemmija kondizzjoni meta ġiet redatta u firmata l-iskrittura, in segwitu, iżda, meta huwa kkonsenja l-makna lill-attur, dana talbu biex ma jħallasx il-prezz tagħha qabel ma jippruvaha, u huwa ma sab ebda oġġezzjoni. Dan loġikament ifisser illi posterjorment għar-redazzjoni u firma tal-iskrittura sar ftehim li in forza tiegħu

l-vendita ġiet assoġġettata għall-kondizzjoni tal-prova; u dan il-ftehim, appuntu għaliex posterjuri għall-iskrittura, jista' jiġi pruvat anki per mezz ta' testimoni;

Jirriżulta, mela, soddisfaċentement pruvat illi l-vendita tal-makna in kwistjoni kienet vendita "a prova", kif solitament isiru l-venditi ta' makni, żwiemel, eċċ. *Hija ħaġa* nota illi, biex jeżisti dan il-patt, mhux rikjest l-użu ta' xi klawsola sagramentali, billi jibbasta li tkun tirriżulta b'mod ċar u ċert il-volontà li jiġi stipulat; purkè, naturalment, ikunu *jikkonkorru, kif fil-każ, ir-rekwiżiti neċessarji* u essenzjali: l-ewwel illi l-prova ssir wara li jkun ġie konkjuż il-kuntratt, u mhux meta l-ħaġa tiġi sottoposta għall-esperiment waqt it-trattattivi; u t-tieni illi l-patt tal-prova jkun *jikkostitwixxi vera u proprja determinazzjoni aċċessorja li* minnha tkun tiddependi l-eżistenza u l-effikaċja tal-kuntratt, u mhux meta, mingħajr ma jkun ġie espressament jew taċitament pattwit, l-esperiment jiġi aktar tard rikonoxxut *neċessarju* biss għall-effetti *li jiġi konstatat u deċiż* jekk il-kuntratt ġiex puntwalment eżegwit; u dan, jiġifieri li l-vendita kienet "a prova", hu rikonxxut tant mill-attur kemm mill-konvenut; mill-attur, għaliex dan anzi xehed li l-patt tal-prova *ġie miftiehem tant qabel kemm waqt li ġie* ffirmat il-kuntratt (fol. 20 u fol. 60); mill-konvenut, għaliex, oltre l-imsemmija depożizzjoni tiegħu (fol. 20), huwa allegat fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu fuq riferita;

Issa, fil-vendita "a prova", meta din ma tirnexxix, il-venditur jirriprendi l-ħaġa mibjugħa, kif il-konvenut ħadha lura *mingħajr ma* qagħad jagħmel kwistjonijiet jekk il-prova kellhiex tirnexxi jew le, u, ripreża l-ħaġa venduta, il-venditur jibqa' liberu u xjolt minn kull responsabbiltà; l-obligu tiegħu hu biss dak li jieħu lura l-ħaġa; a differenza tal-każ ta' *riżoluzzjoni* ta' vendita għall-inidoneità tal-ħaġa, jew għan-nuqqas ta' kwalitajiet pattwiti, li bħala regola timponi lill-venditur l-obligu tar-riżarċiment; salva, s'intendi, l-ipotesi meta l-ħaġa, minħabba l-imperfezzjoni tagħha, tikkaġuna xi danni lill-kumpratur; għax allura l-venditur ikun f'kolpa, għaliex kien jaf jew imissu kien jaf illi l-ħaġa kienet imperfetta; dak li ma ssuċċediex fil-każ preżenti;

**Għaldaqstant;**

**Tirrespinġi** *l-istanza; bl-ispejjeż.*